MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 120/2013

**Appell Nru. 120/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian Abdilla)**
**Vs**
**Hector Carter**
**Charles Cini**
**Omissis**
**Alexander Farugia**

**Illum 11 ta' Dicembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati Hector Carter [detentur tal-karta tal-identita` numru 953750 (M)], Charles Cini [detentur tal-karta tal-identita` numru 103479 (M)] u Alexander Farrugia [detentur tal-karta tal-identita` numru 438377 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

A. f’Mejju 2003 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’diversi postijiet gewwa Malta kif ukoll barra minn Malta, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba’ snin jew iktar;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appartenew ghal ghaqda msemmija fis- subartikolu (1) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa.

B. Kontra Hector Carter, Charles Cini u Omissis wehidhom, talli:

F’Mejju 2003 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’diversi postijiet gewwa Malta, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

4. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta’ aktar minn Lm10,000 ghad-dannu ta’ diversi persuni, banek kummercjali u kumpaniji ohra;

5. f’l-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista’ jircevi bihom hlas jew jiehu l-konsinna ta’ oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll tali xjentement ghamlu uzu minnhom;

6. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'titolu fl-iskrittura jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

7. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

C. Kontra Omissis u Alexander Farrugia wehidhom talli:

F'Mejju 2003 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'diversi postijiet gewwa Malta b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

8. minhabba l-istat, professjoni jew kariga taghhom kienu saru d-depositarji ta' sigriet li kien gie fdat lilhom, kixfu dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligahom jgharrfu lill-awtorita' pubblika;

D. Kontra Hector Carter wahdu talli:

F'Mejju 2003 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jikrsu l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

9. bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista' jikkonnetti kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni.

Aktar, fil-konfront ta' Hector Carter u Charles Cini li saru recidivi ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar, 2013, li biha, ma sabitx htija fir-rigward tal-imputati u filwaqt li lliberathom ordnat li jittiehdu l-opportuni proceduri ghall-spergur fil-konfront tal-gia ko-imputat omissis ai termini tal-artikolu 523 tal-Kodici Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-12 ta' Marzu, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet apprezzament żbaljat u irraġjonevoli tal-provi miġbura.

Illi l-esponent Avukat Ġenerali intavola dan l-appell a bazi ta` dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-esponent jibda bil-premessa illi fil-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti sabiex waslet għad-deċiżjoni surifferita kienet żbaljata ferm u bid-dovut rispett dan l-appell qiegħed jiġi intavolat sabiex din l-Onorabbli Qorti tagħmel reviżjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija u dan sabiex isir apprezzament approfondit tal-provi kollha imressqa fil-kawża in kwistjoni.

Illi l-esponent jibda bil-premessa illi ma jaqbilx assolutament mal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Onorabbli

Qorti illi x-xhieda ta' Mark Attard hija inattendibbli u mhux veritiera u għaldaqstant ġiet skreditata. Bir-rispett dovut l-istess Mark Attard baqa' konsistenti ferm kemm fl-istqarrijiet li ta lill-Pulizija (a fol. 189 – 203 tal-atti) kif ukoll fix-xhieda tiegħu viva voce, liema xhieda tinsab traskritta a fol 942 et seq. tal-atti.

Illi meta wieħed janalizza l-kontenut ta' dawk l-istqarrijiet aktar 'il fuq imsemmija kif ukoll ix-xhieda ta' Marco Attard joħroġ ċar l-involviment tal-appellati.

Illi di piu' u in sostenn ta' dak li mistqarr minn Marco Attard hemm il-provi l-oħra miġjuba mill-prosekuzzjoni li kollha jippuntaw f'direzzjoni waħda li hija dik ta' ħtija fil-konfront tal-appellati.

Mill-investigazzjonijiet li saru, intalbu d-dettalji tan-numru 79458180 9 telephone number li nkiteb fic-change of address ta' Cini Case) u mill-call profiles kien irċieva telofanati minn fuq numru barrani 0038169033038. Meta ġie iċċekjat min għamel telefonati fuq dan in-numru irriżulta illi kienu saru telefonati minn numru 21417080. Dan in-numru kien jappartjeni lil United House u għalkemm kien irreġistrat fuq Mark Attard, United House kien il-post minn fejn jopera bin-negozju tiegħu ta' Charles Cini. Fuq dan in-numru Attard stqarr illi Cini kien talbu jagħmlu fuq ismu sabiex ħadd ma jkun jaf li dan in-number kien fuqu.

Illi wkoll kienet intalbet il-fax mibgħuta lil Alco Banco u lil HSBC f'dan il-każ u ż-żewġ faxes kellhom l-istess difett fuqhom. Wieħed jinnota ż-żewġ linji paralleli fejn xulxin u linja parallela oħra. Jirriżulta wkoll illi l-fax mibgħuta minn fuq numru 21242671 li jgħajjat lil World Travel and Tourism (Pieta') filwaqt li l-fax mibgħuta lil HSBC Qormi mibgħuta minn fuq in-numru 21374274 li jgħajjat lil Mark Attard.

Mill-fond tal-World Tourism and Travel, fejn Hector Carter kien jikri kamra bħala uffiċċju ġiet elevata fax machine fost dokumenti oħra. Din il-fax machine tħalli l-istess linji

vertikali li skont l-espert Martin Bajada a fol. 242 tal-atti jgħid li ***“Dawn huma uniċi għall-fax machine elevata, li joriġinaw mill-wear and tear.”***

Minn dan li għadu kif intqal diġa joħroġ biċ-ċar l-involviment ta’ Hector Carter li mingħandu ġiet elevata l-fax machine u għalkemm huwa jgħid illi l-post kien jużah Mark Attard hija inverosimili.

Mark Attard kien jaħdem il-Lombard Bank u minn hemm joħroġ il-każ ta’ Ali El Haddar. Mark Attard jistqarr illi huwa għadda l-informazzjoni kollha lil Hector Carter u ċioe’ specimen signatures, account details, account balances u affarijiet oħra. Hector Carter kien talbu wkoll dettalji dwar kumpanniji oħra bħal Price Water House Coopers.

Mark Attard tkellem ukoll dwar l-involviment tiegħu fil-każ ta’ Edward Fuchs fejn stqarr illi l-involviment tiegħu kien limitat għall-mili tal-formola tar-redirection of mail. Din saret fuq talba ta’ Hector Carter. Ta’ relevanza fuq dan id-dokument huma l-fatti illi l-indirizz il-ġdid u n-numru tat-telefon huma l-istess bħal ma tniżżlu fuq ic-change of address ta’ Mr and Mrs Cini. .

F’dan il-każ, jidħol fix-xena Alex Farrugia u dan għaliex wara l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, jidher illi huwa kien impjegat il-Bank of Valletta u minn audit li sar fuq is-sistema kompjuterizzata tal-istess bank, ġie stabbilit illi huwa kien l-uniku mpjegat li dwaru ma nstabitx sġjegazzjoni il-għala kien aċċessa l-kont ta’ Fuchs u l-ispecimen signature form. Jirriżulta wkoll u dan mid-dokumenti ppreżentati in atti illi Charles Cini kien fil-fergħa tal-Bank of Valletta tal-Preluna Towers fid-data u l-ħin meta Farrugia aċċessa l-kont ta’ Fuchs. Dan ipoġġi lil Cini fix-xena u dan jkompli jikkonferma l-involviment tiegħu. Cini mar fl-istess bank jagħmel xi transazzjonijiet personali. Illi dan ifisser ukoll illi l-istess Farrugia minħabba l-istat, professjoni jew kariga tagħhom kienu sar d-depositarju ta’ sigriet li kien fdat lilu u kixef dan is-sigriet.

Di piu', f' United House instabu dokumenti – rough papers (a fol. 186) li juru illi l-appellati kienu qed jippruvaw il-firma ta' Cini u ta' Edward Fuchs.

Illi minn dan kollu huwa ampjament ċar illi l-appellati kienu involuti direttament fil-każijiet in diżamina u meta wieħed janalizza l-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni ma jistax jasal għal konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn kienet manifestament żbaljata u irraġjonevoli fis-sentenza aktar 'il fuq imsemmija.

Rat is-sentenza tas-6 t'Ottubru ta' l-2008 (fol 1036) fil-konfront ta' l-allura co akkuzat Marco Attard, fejn gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal 4 snin.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi bejn Dicembru 1999 u Marzu 2003, saru talbiet lil banek ewlenin ta' Malta u cioe Lombard, BOV u HSBC biex jigu trasferiti somom kbar ta' flus ta' klijenti ta' dawn il-banek lil banek fl-esteru fl-Albanija, Montenegro u l-allura Jugoslavja. Minn dawn it-talbiet ghal trasferimenti, wiehed biss kien effettiv illi sar fl-20 ta' Dicembru tan-1999 ghad-dannu ta' Ali El Haddar. It-transazzjonijiet l-ohrajn twaqqfu fil-hin fejn allura kkwalifikaw bhala attentat ghal trasferiment ta' flus. L-ebda wahda minn dawk it-talbiet ma kienet genwina u l-firem kienu kollha foloz. Il-kazijiet kienu s-segwenti. L-ewwel kaz kien fl-20 ta' Dicembru tan-1999, fejn il-Lombard Bank ircieva struzzjonijiet biex jitrasferixxi l-ammont ta' USD 250,000 mill-kont ta' klijent Ali El Haddar ghal kont l-Albanija. Dawn l-istruzzjonijiet apparentament kienu ffirmati minn Ali El Haddar innifsu. It-trasferiment sar u l-fondi ghaddew ghal kont iehor. It-tieni kaz gara fl-24 ta' Dicembru ta' l-2001, fejn l-HSBC ircieva struzzjonijet permess ta' fax fuq il-letterhead ta' l-istess ditta, biex jitrasferixxu l-ammont ta' USD 275,650 ghal kont fl-Albanija. Dawn l-istruzzjonijiet kienu ffirmati mis-Sur Kevin Valenzia. Sussegwentement din il-firma rrizulta li kienet falza. It-tielet kaz fit-23 ta' Dicembru ta' l-2002, fejn xi hadd kien bghat ittra permezz ta' fax b'istruzzjonijiet

lill-HSBC sabiex jitrasferixxu somma ta' USD 180,554 minn fuq il-kont tal-Playmobile u dawn jitrasferuhom bi swift gewwa kont il-Montenegro. Allegatament dawn l-istruzzjonijiet kienu ffirmati minn Paul Sultana, Group Heads Accountant u Helga Ellul General Manager. Wara nvestigazzjonijiet irrizulta li kienu foloz. Fl-istess gurnata fit-23 ta' Dicembru ta' l-2002, il-Bank of Valletta rcieva fax instruction simili, din id-darba fuq letterhead ta' l-Air Malta biex dawn jitrasferixxu USD 269,554 mill-kont ta' l-Air Malta ghal kont gewwa l-Albanija. Dawn l-istruzzjonijiet kellhom il-firma ta' Mr. F. Grech, Group Head Accounts u J. Sciberras Head Credit Control ta' l-Air Malta Group. Dawn il-firem kienu ffalsifikati. Fl-istess gurnata wkoll, fit-23 ta' Dicembru ta' l-2002, il-Bank of Valletta International kien ircieva fax instructions iffirmati mill-klijent Sur Edward Fuchs innifsu sabiex jitrasferixxi s-somma ta' USD 356,000 ghal kont f'Montenegro. Il-firma tas-Sur Fuchs kienet iffalsifikata. Is-sitt kaz kien tal-konjugi Cini. Fil-11 ta' Frar ta' l-2003, l-HSBC ta' Hal Qormi rcieva ittra minn suppost klijenti taghhom Mr. and Mrs. Louis Cini fejn dawn kienu qeghdin jinfurmaw lil bank dwar bdil fl-indirizz tar-residenza taghhom. Ir-residenza gdida giet ikkwotata bhala 'Kennedy Court', number 2, Triq il-Bilbel, il-Qawra. In-numru tat-telephone illi nkiteb fuq ic-change of address kien 79458180 li jixbah hafna t-telephone number ta' l-imputat Charles Cini, li kien 21458180. Aktar tard, fit-3 ta' Marzu ta' l-2003 l-istess bank kien ircieva struzzjonijiet permezz ta' fax sabiex jitrasferixxi USD 278,075 mill-kont tas-Sinjuri Cini ghal gewwa kont il-Jugoslavja, dan wara l-bank kien ircieva applikazzjoni mis-Central Bank ghal trasferiment ta' dawn il-fondi. Illi meta kien sar dan l-ahhar trasferiment, sar zball minn naha tal-bank HSBC, fejn dawn ikkwotaw l-isem tal-persuna ricevitura hazin u ghalhekk ma setghetx tohodhom mal-ewwel. Sussegwentement, il-bank ricevitur l-Alco Bank, kien ircieva fax suppost mahruga mill-HSBC, iffirmata minn Albert Pace, fejn dan il-fax kienet qed tirranga l-izbalji li kienu saru. Dan id-dokument wasal ghand l-Alco Bank fis-19 ta' Marzu 2003. Fl-24 ta' Marzu ta' l-2003, l-HSBC Qormi Branch, ircieva fax instructions, suppost minghand certa Louis u Josephine Cini, biex dan il-bank jirranga l-izball u jinforma lil Alco Bank immedjatament.

Sadanittant, il-bank allura beda jkollu suspetti dwar din it-transazzjoni illi twaqfet u ma gietx effetwata. Wara investigazzjonijiet tal-Pulizija, Hector Carter, Charles Cini, Mark Attard u Alexander Farrugia gew mixlija illi ppartecipaw, organizzaw, ghenu ghal dan it-trasferiment u attentati ta' trasferiment, a skapitu ta' sidien jew titolari taghhom. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, il-Prosekuzzjoni talbet separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Marco Attard, illi sussegwentement ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u b'sentenza tas-6 t'Ottubru ta' l-2008, gie dikjarat hati u kkundannat ghal sentejn prigunerija, sospizi ghal erba' snin. Il-kaz tkompla kontra t-tlett imputati l-ohra u b'sentenza ta' l-20 ta' Frar ta' l-2013, il-Qorti tal-Magistrati lliberat lit-tlett imputati l-ohra peress illi dehrilha li l-verzjoni ta' Mark Attard ma kinetx kreddibli u l-bqija tal-provi ma kienux iwasslu ghal prova minghajr dubju dettat mir-raguni ghal kundanna tat-tlieta l-ohra. L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell, fejn l-ilment principali tieghu hija li l-Qorti tal-Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u ragonevoli tal-provi migbura u ma qabilx mal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti li x-xhieda ta' Mark Attard hija inattentibbli u mhux veritjera u ghaldaqstant kellha tigi skreditata. L-Avukat Generali argument illi Mark Attard baqa' konsistenti ferm fl-istqarrijiet li ta lil Pulizija, kif ukoll ix-xhieda tieghu viva voce quddiem il-Qorti. Di piu, minbarra x-xhieda ta' Mark Attard, hemm il-provi indizzjarji mressqa mill-Prosekuzzjoni, liema provi jimpuntaw ghal direzzjoni wahda, u cioe l-htija fil-konfront ta' l-appellati.

Ikkunsidrat.

Jibda' biex jinghad li din il-Qorti ma thossx illi ghandha tiskredita x-xhieda ta' Mark Attard. Dan kien kostanti fil-verzjoni tieghu mill-bidunett ta' l-investigazzjoni sa dak in-nhar li xhed quddiem il-Qorti, liema xhieda kienet graffika u ddettaljata illi turi esperjenza diretta personali u mhux ivvintata. F'kaz bhal dan, li kieku Marco Attard ivvinta din l-istorja kollha, x'imkien kien ser jinqabad zgur. Tant fiha cirkostanzi u ddettalji, li jistghu facilment jaharbu lil dak li jkun. Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonsidra l-provi fil-konfront tat-tlett appellati, fl-isfond tal-provi kollha migjuba

mil-Prosekuzzjoni, inkluz ix-xhieda ta' Marco Attard. Hafna minn dawn il-provi, fihom element ta' provi indizzjarji li hija prova importanti u ammissibli bil-kondizzjoni illi tipponta ghal konkluzzjoni wahda. Ezempju ta' din il-prova, hija l-fax machine elevata mill-Pulizija, mill-ufficcju tal-fond World Tourism and Travel, liema ufficcju kien gestit mill-appellat Hector Carter. Din il-fax machine kienet thalli linji vertikali, li skond l-espert tekniku Dr. Martin Bajada a fol 242 "Huma unici ghal fax machine elevata li joriginaw mill-Werenter." Dawn il-linji dehru fuq fax mibghuta lil Alco Banco u lil HSBC li kellhom l-istess difett fuqhom. Irrizulta li l-fax mibghuta lil Alco Banco, kellha n-numru 21242671 li jghajjat lil World Travel and Tourism fejn ga inghad illi Hector Carter kien jikri kamra bhala ufficcju u minn fejn giet elevata l-fax machine. Fil-waqt illi l-fax mibghuta lil HSBC Qormi, giet fuq in-numru 21374274 li jghajjat lil Mark Attard. Hu ben saput illi fax machine tista' facilment tigi trasferiti minn linja ghall-ohra, billi l-plug tal-magna tigi maqlugha mill-plug tal-linja u titpogga fi plug ta' linja ohra. Quindi ma hemmx dubju illi dawn il-faxes hargu mill-magna li kien hemm fl-ufficcju tal-fond World Tourism and Travel gestit minn Hector Carter u dak mibghut lill-HSBC Hal Qormi minn numru li jghajjat lil Mark Attard. Quindi l-Qorti tasal ghal konkluzzjoni illi dawn it-tnejn huma involuti f'din l-operazzjoni jew attentat ta' tehid ta' flus minn kont bankarju ghall-iehor, fejn allura jkompli jitfa' aktar kredibilita' fuq ix-xhieda ta' Mark Attard dwar l-involviment ta' l-appellat Hector Carter f'din l-operazzjoni. L-istess jinghad dwar in-numru tat-telephone li nkiteb fuq ic-change of address tal-konjugi Cini. Fuq dan in-numru tat-telephone, gie rregistrat numru barrani, illi meta gie ccekjat il-call profile, irrizulta li kienu saru telefonati min-numru 21417080 li jappartjeni lil United House u li ghalkemm irregistrat fuq Mark Attard, United House kien il-post minn fejn jopera bin-negozju Charles Cini. Fuq dan in-numru, Attard qal illi Cini kien talbu li jaghmlu fuq ismu sabiex hadd ma jkun jaf li dan in-numru kien fuqu. Dan kollu gie kkunsidrat mill-ewwel Qorti li waslet ghal konkluzzjoni illi b'xi mod kien hemm rabta bejn Hector Carter u Charles Cini u Alexander Farrugia pero wara li semghet ix-xhieda ta' l-appellati, il-Qorti dehrilha "Li ga ko-imputat Marco Attard kien ghamel uzu tal-kamra

mikrija lil Hector Carter f'tal-Pieta', u peress li giet esebita Affidavit guramentat ta' Ali Haddar, li tafferma illi lill-appellat Hector Carter la jafu u lanqas qatt kellu jtih xi flus, dehrilha illi dan wahdu juri, l-aktar fil-konfront ta' l-appellat Hector Carter, pero mhux biss, li x-xhieda ta' l-imsemmi Marco Attard hija inattendibbli b'daqstant li l-Qorti m'hijiex qed tqisha veritjera. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzzjoni. Ali Haddar qatt ma ltaqa' ma' Hector Carter u qatt ma kellu konnessjoni mieghu u bhalma lanqas kellu xi konnessjoni ma' Mark Attard. Pero, dan ta' l-ahhar kien jahdem il-Lomabrd Bank, fejn Ali El Haddar kellu kont u Mark Attard jistqar li huwa ghadda l-informazzjoni kollha lil Hector Carter u cioe specimen signature, accounts details, accounts balances u affarijiet ohra, liema informazzjoni giet uzata biex gie iffalsifikat il-firma ta' El Haddar li jidhru fuq l-istruzzjonijiet mibghuta permezz ta' fax machine elevata mill-ufficcju gestit mill-appellat Hector Carter. Ghalhekk dawn il-provi indizzjarji, flimkien max-xhieda ta' Mark Attard, iwasslu lil din il-Qorti ghal konvenciment morali illi z-zewg appellati Hector Carter u Charles Cini kienu nvoluti direttament f'dan it-trasferiment u attentat ta' trasferiment ta' fondi minn kont ghall-iehor. Fil-kaz ta' Alex Farrugia, il-Qorti m'ghandiex dan il-konvenciment.

Ikkunsidrat.

Farrugia dahal fix-xena fil-kaz biss ta' Edward Fuchs. Jibda biex jinghad illi Mark Attard qal lil Farrugia ma kienx jafu pero gie introdott mieghu kazwalment mill-appellat Charles Cini u gie ltaqa' mieghu s-Sibt filghaxija f'Paceville, pero fuq dawn it-transazzjonijiet qatt ma kellmu jew involvih. Pero, irrizulta li fl-10 ta' Dicembru ta' l-2002, l-appellat Charles Cini mar il-bank BOV, fejn kien jahdem Farrugia u dak in-nhar, dan ta' l-ahhar acceda ghal file konfidenzjali ta' Edward Fuchs, minn fejn seta' ra l-specimen signature tieghu. Dan abbinat mal-fatt illi go garage, propjeta' ta' l-appellat Hector Carter, izda mikri lil Charles Cini, kienu nstabu dokumenti li ndikaw t-tentattiv ta' l-ikkupjar tal-firma tal-konjugi Cini u Edward Fuchs, wasslu lil Avukat Generali sabiex jikkonkludi li Farrugia, minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu kien sar

iddepozitarju ta’ sigriet li kien fdat lilu u kixef dan is-sigriet. Din il-Qorti ma taqbilx ma din il-konkluzzjoni. Li kieku l-unika fond minn fejn seta’ ingieb specimen signature ta’ Fuchs, kien mill-kont bankarju tieghu mal-BOV. Il-Qorti forsi wkoll tasal ghal din il-konkluzzjoni. Pero, il-firma ta’ Fuchs kienet available ghaz-zewg imputati l-ohra, Carter u Cini, indipendentement mis-sors ta’ Farrugia. Kien hemm pista ohra x’jigi investigat. Mark Attard xhed illi kellu f’idejh photocopy tal-passaport ta’ Fuchs li kien tahulu Carter (fol 952). Quindi, kemm Mark Attard, kif ukoll Hector Carter kellhom sors ta’ specimen signature ta’ Fuchs differenti minn dak ta’ Farrugia. Huwa rilevanti wkoll illi fir-re-direction tal-posta, illi Mark Attard mela’ fis-19 ta’ Dicembru ta’ l-2002, il-firma falza ta’ Fuchs hija differenti minn dik is-sample signature illi kellu l-bank. F’dak l-istadju, kemm Mark Attard, kif ukoll Hector Carter, kellhom l-informazzjoni kollha necessarja fuq Edward Huchs u kienu f’pozizzjoni li jiffalsifikaw il-firma ta’ dan ta’ l-ahhar, indipendentement minn xi informazzjoni illi seta’ ta Farrugia lil ko-imputat l-iehor Charles Cini. Kif diga inghad, illi go garaxx propjeta’ ta’ l-appellat Hector Carter, izda mikri lil Charles Cini instabu dokumenti fejn juru illi sar tentattiv sabiex tigi ikkupjata l-firma tal-konjugi Cini u Fuchs. Quindi, l-unika prova indizzjarja illi torbot lil l-appellat Farrugia ma’ dan ir-reat, kien illi fl-10 ta’ Dicembru ta’ l-2002, l-appellat Charles Cini mar il-bank fejn jahdem Farrugia u dan Farrugia dahal fis-sit li l-bank ghandu dwar il-kont ta’ Edward Fuchs. Hawnhekk seta’ infetah screen fejn jidher l-specimen signature ta’ Edward Fuchs, pero din mhijiex l-unika pista ghall-ottjeniment ta’ l-specimen signature ta’ Edward Fuchs peress illi Mark Attard u Hector Carter kellhom fondi ohra ghas-sors ta’ din il-firma u cioe l-photocopy tal-passaport ta’ Edward Fuchs. Quindi, il-fatt illi Farrugia seta’ kellu jew ghamel access ghall-specimen signature ta’ Edward Fuchs, ma jwassalx ghal l-unika konkluzzjoni illi kien hu illi effettivament ta specimen signature ta’ Fuchs lill-appellant Charles Cini. Ghalhekk din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha ssib htija fil-konfront ta’ l-appellat Alexander Farrugia.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, id-difiza ta’ Hector Carter u Charles Cini, irrilevaw illi Mark Attard inghata sentejn prigunerija, sospizi ghal erba’ snin u talbu illi fil-kaz ta’ htija ghal klijenti taghhom, tigi applikata l-istess mizura. L-Qorti pero ma taqbilx. Mark Attard ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu fil-mori ta’ dawn il-proceduri, izda z-zewg appellati Carter u Cini m’ghamlu xejn minn dan u baqghu jinsistu fuq l-innocenza taghhom, haga illi ma rrizultatx. Quindi, din il-Qorti ma jidhriliex li ghandha titrattahom bl-istess kejl ta’ Mark Attard.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-parti l-appell ta’ l-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn ma sabitx htija fil-konfront ta’ Alexander Farrugia u konsegwentement tordna li ghandu jigi lliberat minn kull imputazzjoni u htija u tirriformaha fejn ma sabitx htija fil-konfront ta’ Hector Carter u Charles Cini u minflok, wara li rat l-Artikoli 83 A (1) tal-Kap 9, l-Artiklu 83 A (2) tal-Kap 9, l-Artiklu 48 A, l-Artikoli 308, 309, 310, l-Artiklu 167, 169 u l-Artikoli 183, 184 tal-Kap 9 minghajr il-kwalifika ta’ Ufficcjal Pubbliku u l-uzu ta’ l-istess u l-Artiklu 189 tal-Kap 9, tiddikjara lil Hector Carter u Charles Cini hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal piena ta’ prigunerija effettiva ta’ sentejn kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------